



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawżi magħquda C-271/14 u C-273/14**

**LFB Biomédicaments SA et**

**vs**

**Ministre des Finances et des Comptes publics**

**u**

**Ministre des Affaires sociales u de la Santé**

[talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza)]

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Direttiva 89/105/KEE — Artikolu 6(3) u (5) — Tħassir ta' prodotti mediċinali minn lista ta' prodotti mediċinali speċjali koperti flimkien ma' pagamenti b'rati fissi għal kura fi sptar — Obbligu ta' motivazzjoni”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-16 ta' April 2015

*Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Prodotti farmaċewtiċi — Direttiva 89/105 — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Lista pożittiva ta' prodotti mediċinali koperti mis-sistema nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-mard — Deċiżjoni li temenda l-kundizzjonijiet jew il-livell ta' rimbors ta' prodott mediċinali billi teskludih minn din il-lista ta' prodotti mediċinali koperti flimkien ma' pagamenti b'rati fissi għal kura fi sptar — Obbligu ta' motivazzjoni*

*(Direttiva tal-Kunsill 89/105, Artikolu 6(3) u (5))*

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/105, dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' motivazzjoni previst fil-punti 3 u 5 ta' dan l-artikolu japplika għal deċiżjoni li tirrestrinġi l-kundizzjonijiet ta' rimbors jew tnaqqas il-livell ta' kopertura ta' prodott mediċinali billi teskludih mil-lista ta' prodotti mediċinali speċjali koperti mill-iskemi obligatorji ta' assigurazzjoni għall-mard flimkien ma' servizzi relatati ma' kura fi sptar li l-kopertura tagħhom hija assigurata fil-forma ta' pagamenti b'rati fissi għal soġġorn u għal kura fi sptar.

Fil-fatt, imur kontra l-għan ta' trasparenza li jiġi ammess li tali deċiżjoni tista' tevita l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 6(3) u (5) tad-Direttiva 89/105, fejn dan ir-rekwiżit huwa intiż sabiex jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jverifikaw li d-deċiżjonijiet dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-prodotti mediċinali u l-inklużjoni tagħhom fis-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni għall-mard jittieħdu abbażi ta' kriterji oġġettivi u verifikabbli u ma jagħmlu ebda diskriminazzjoni bejn il-prodotti mediċinali nazzjonali u dawk li ġejjin minn Stati Membri oħra.

(ara l-punti 30, 31 u d-dispożittiv)